# *Ħamsa u Sebgħin Sena Ilu, Nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 1942*

***Joseph Cauchi***

Malta kienet għaddejja minn żmien ikraħ ħafna fejn il-bumbardamenti tal-għadu kienu bikkmu lil kulħadd u ġielgħu lil ħafna nies tal-ibliet u ta' madwar iħallu djarhom u jfittxu kenn il-Mellieħa jew f'Għawdex.

Dak inhar il-poplu Malti kien għaġġeb lid-dinja għall-kuraġġ u l-qlubija li kien wera fil-kumbattimenti kontra l-għadu. li fl-istess waqt ta' dan it-terrur, il-Majestà Tiegħu r-Re Ġorġ VI għogbu jiddedika l-ogħla ġieh ta' żmienu lill-Gżejjer u lill-Poplu Malti nhar I-Erbgħa 15 ta' April 1942, billi permezz ta' telegramm il-Gvematur ġie infurmat li r-Re ta il-"George Cross" lill-poplu qalbieni Malti wara li kien għadu kemm għadda minn l-agħar prova tal-Gwerra. Dan l-unur miksub minn missirijietna kien ġie mgħoddi uffiċċjalment nhar il-Ħadd 13 ta' Settembru fil-Misraħ tal-Palazz il-Belt qalb it-tiġrif u t-terrapien li kkawżaw l-azzjonijiet tal-għadu waqt il-ħbiet mill-ajru.

Sebat ijiem wara din il-Midalja prestiġjuża ngabet fostna l-Mellieħa nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 1942. Twasslet mid-Delegat tal-Kummissarju u kontinġent ta' Pulizija Maltin flimkien mal-Buglers tad- "Durham Light Infantry" li daqqew fanfarra hekk kif il-Midalja tpoġġiet għal wiri fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Jistennewha sabet lill-Mellieħi Kappillan Rev. Dun Indri Fenech flimkien mal-poplu tal-Mellieħa b'uliedhom ixejjru bnadar Maltin u Ingliżi.


KING SETS HIS SEAL ON LIVING HISTORY

Malta Awarded George Cross

H.M. KING GEORGE VI

AMERICA'S ANSWER TO JAPANESE AIR MENACE

A Churchill Joins Up

Ftit tifkiriet ta' l-għoti tal-George Cross




BUCKINGHAM PALACE

THE GOVERNOR, MALTA.

TO HONOUR HER BRAVE PEOPLE I AWARD THE GEORGE CROSS TO THE ISLAND FORTRESS OF MALTA TO BEAR WITNESS TO A HEROISM AND DEVOTION THAT WILL LONG BE FAMOUS IN HISTORY.

GEORGE R.I.

APRIL 15TH 1942.







